MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 26/2014

GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Brian Bellizzzi sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Brian Bellizzi.

Vs

Kunsill Lokali Ghajnsielem, u skond verbal (digriet) tat-3 ta' Ottubru 2014 gie kjamat in kawza Tonio Spiteri.

**It-Tribunal**

Ra' l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lilhom is-somma ta' seba' mija u sebgha u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€ 737.66) danni sofferti minn Brian Bellizzi, assikurat ma l-attrici l-ohra, kawza ta' incident li sehh fis-17 ta' April 2013 fi Triq Lourdes Ghajnsielem, Ghawdex meta sigra niexfa inqasmet u waqghet ghal fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFI 161 u dan tort u htija tal-kunsill konvenut meta dan halla sigra niexfa u mejta fil-pubbliku. Dan bl-ispejjes kif mitlub.

Ra' r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa illi t-talbiet tal-konvenuti huma infondati fid-dritt u fil-fatt; innega kull responsabilita, ghall-incident; eccepixxa illi l-incident sehh tort u htija ta' sewwiq iehor certa Tonio Spiteri; eccepixxa illi fi kwalunkwe kaz ir-responsabbilita taqa' f'idejn id-dipartiment ta' l-Agrikoltura li kien delegat bix-xoghol ta' manutenzjoni tas-sigar fil-lokal; innega li s-sigra kient niexfa u mejta u kkontesta wkoll il-kwantum tad-danni.

Ra' d-digriet tieghu tat-3 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu gie kjamat in kawza Tonio Spiteri.

Ra' r-risposta prezentata mill-kjamat in kawa fejn dan innega kull responsabilita ta' l-incident.

Ra' d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra' d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi f'dan il-kaz il-kumpanija attrici Gasan Mamo Insurance Limited qed tallega negligenza da parti tal-kunsill konvenut meta skond hi dan naqas mir-responsabilita tieghu illi sigra mejta u niexfa titnehha mit-triq, bil-konsegwenza li din waqghet fuq il-vettura ta' Brian Bellizzi li kien assikurat maghha. Fix-xhieda tieghu (9 ta' Dicembru 2014) Brian Bellizzi jghid illi l-kumpanija assikuratrici hallsitlu d-danni kollha. Ghalhekk ma kienx hemm l-bzonn ta' l-inkluzjoni tieghu fost l-atturi f'din il-kawza; u l-azzjoni min naha tieghu hi biss wahda superfluwa fatt li ghandu jkun rifless wkoll fil-kap ta' l-ispejjes.

Fil-mori tas-smigh gie kjamat ukoll Tonio Spiteri li kien qed isuq trakk trailer u li allegatament gibed din is-sigra meta din tqacctet. Jirrizulta wkoll illi dan Tonio Spiteri huwa wkoll assikurat mal-kumpanija attrici.

Xhud karidnali f'din il-kawza huwa Brandon Cefai, xhud indipendenti li ra l-kaz isehh quddiem ghajnejh. Dan ix-xhud jghid illi kien is-sewwieq tat-trailer illi gibed is-sigra u din tqacctet. Jghid illi semgha tfaqqiegh u tqaccit sakemm is-sigra waqghet ghal kollox. Jirrizulta illi min naha tieghu x-xufier ta' din l-vettura kbira ma tax kaz u baqa' ghaddejj sakemm waqaf fid-destinazzjoni tieghu ftit metri l-fuq minn fejn sehh l-incident. Dan it-tribunal huwa konvint illi s-sigra tqacctet meta din ingibdet minn dan it-trailer kif spjega ix-xhud Cefai. It-Tribunal kellu l-okkazzjoni jara diversi ritratti esebiti u ghalkemm kellha l-weraq nexfin stante illi f'April mhux is-sigar kollha jkunu bdew jarmu r-ritratti li ttiehdu wara minn Francis Cauchi u li jinsabu esebiti a fol 95 et seq tal-process juru illi fiz-zmien li ttiehdu ir-ritratti s-sigra anke mill-bicca zokk

zghira li kien fadal minnha kienet regghet bdiet tarmi u ghalhekk ma jistax ikun li kienet mejta.

Kien id-dmir tas-sewwieq tat-trailer illi suppost kien jaf li f'idejh kellu vettura ta' daqs konsiderevoli u ferm akbar mill-vetturi li soltu jghaddu minn dik it-triq li joqghod attent ghas-sigar li jkun hemm fit-triq biex ma jigix ikkawzat periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Izda jidher illi n-negligenza tas-sewwieq kienet tali li dan l-anqas induna hu u jigbed is-sigra, u baqa' ghaddejj. Negligenza li dan it-Tribunal jiddefenixxi bhala wahda lata.

Ghalhekk ma jidher li hemm xejn li ghandu jghabbi lil kunsill konvenut b'xi responsabilita, liema responsabilita ghandha tinkombi fuq il-kjamat in kawza.

Dan it-Tribunal jarha strana kif l-kumpanija attrici ma kkunsidratx dak li jghid ir-rapport tal-pulizija fejn jidher car illi l-kawza ta' l-incident kien l-assikurat l-iehor taghha cioe l-kjamat in kawza Tonio Spiteri; u fejn imkien ma jissemma li s-sigra kienet wahda niexfa jew perikolanti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilliberah mit-talbiet ta' l-atturi; jilqa' it-talbiet tal-kumpanija attrici Gasan Mamo Insurance Limited fil-konfront tal-kjamat in kawza Tonio Spiteri; jsib lil istess kjamat in kawza responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza, u jikkundanna lil istess Tonio Spiteri ihallas lil kumpanija attrici s-somma ta' seba' mija u sebgha u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€737.66). (Hawn wiehed irid jirregola is-sitwazzjoni tal-pagamenti fejn l-kjamat in kawza huwa innifsu assikurat mal-kumanija attrici wkoll). Jichad it-talbiet kollha kwanti dawn huma intavolati minn Brian Bellizzi personalment. Fic-cirkostanzi l-ispejjes jinqasmu kwantu ghal nofs minn l-atturi u nofs mill-kjamat in kawza flimkien u solidament bejniethom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------